**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Ottubru, 2019**

**Rikors nru: 173/16 AGV**

AB

vs

CB

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-28 ta' Lulju, 2016 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar it-3 ta' Awissu, 1997 u miz-zwieg taghhom ma kien hemm ebda ulied.

2. Illi z-zwieg tal-kontendenti sfaxxa fix-xejn minhabba fost affarijiet ohra ingurji, sevizzi, eccessi kommessi mill-intimat fuq martu u fatti u cirkostanzi ohra li ser jirrizultaw fil-mori tal-kawza li rrendew il-hajja matrimonjali impossibbli.

3. Illi, ghalhekk, minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimat li ser jigu ppruvati ampjament fil-mori tal-kawza, m'ghadx hemm tama li l-partijiet isalvaw iz-zwieg taghhom u kien ghalhekk illi l-esponenti ma kellha l-ebda ghazla ohra ghajr li tintavola proceduri odjerni.

4. Illi l-partijiet diga' xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr.Joseph Debono datat 9 ta' April, 2009 (Dok. A).

5. Illi l-partjiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet datat 21 ta' Lulju, 2016 (Dok. B).

Rat ir-Risposta tal-konvenut li eccepixxa:-

1. Illi huma zzewwgu nhar it-3 ta' Awissu, 1997 u miz-zwieg taghhom ma kien hemm ebda ulied u dan ghaliex l-istess martu riedet tkompli bil-karriera taghha u l-istudji taghha.

2. Illi z-zwieg tal-kontendenti sfaxxa fix-xejn minhabba fost affarijiet ohra ingurji, sevizzi, eccessi kommessi mill-intimata fuq zewgha u fatti u cirkostanzi ohra kif ser jirrizultaw fil-mori u trattazzjoni tal-kawza u li rrendew il-hajja matrimonjali impossibbli u li llum m'ghadx hemm tama li l-partijiet isalvaw iz-zwieg taghhom.

3. Illi l-partjiet diga’ xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom permezz ta’ kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono datat 9 ta’ April, 2009 (Dok.A).

4. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta’ digriet datat 21 ta’ Lulju, 2016.

5. Illi mart l-esponent, AB, kienet abbandunat id-dar matrimonjali fejn huma kienu joqoghodu u hija qatt ma regghet irritornat lura wara li giet mis-safar fejn suppost hija kienet qed tistudja l-lingwa Spanjola. Fil-fatt hija kienet irritornat mal-partner taghha u marret tirrisjedi band’ohra mal-istess partner. Dan wara li l-esponent kien ighaddilha flejjes kbar (u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori ta’ din il-kawza) sabiex din tkun tista’ tipprocedi bl-istudji taghha. L-esponent jiddikjara li llum huwa jinsab bla xoghol u dan ghaliex huwa bi ftehim ma’ martu kien biegh in-negozju tieghu stante li kienu ftehmu li la darba hija tispicca mill-istudji taghha huma jmorru jghixu Spanja. Dan kif ser jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-Kontro-talba tal-konvenut li ppremetta:-

1. Illi huma zzewwgu nhar it-3 ta’ Awissu, 1997 u miz-zwieg taghhom ma kien hemm ebda ulied u dan ghaliex l-istess martu riedet tkompli bil-karriera u l-istudji taghha.

2. Illi z-zwieg tal-kontendenti sfaxxa fix-xejn minhabba fost affarijiet ohra ingurji, sevizzi, eccessi kommessi mill-intimata fuq zewgha u fatti u

cirkostanzi kif ser jirrizultaw fil-mori u trattazzjoni tal-kawza u li rrendew il-hajja matrimonjali impossibbli; u li llum m'ghadx hemm tama li l-partijiet isalvaw iz-zwieg taghhom.

3. Illi l-partijiet diga' xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono datat 9 ta' April, 2009 (Dok.A).

4. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet datat 21 ta' Lulju, 2016.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiffissa manteniment ghall-esponent skond il-bzonnijiet tieghu u dan b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Filwaqt li tiddikjara illi bl-agir taghha AB iddekadiet minn kull dritt li titlob ghall-manteniment minghand zewgha.

2. Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-istess AB, mill-impjieg jew xoghol li hija ghandha jew jista' jkollha, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li hija tista' jkun qed tircievi minn zmien ghal zmien.

3. Tordna li l-esponent CB jibqa' jghix u jabita god-dar matrimonjali ossia l-fond fl-indirizz 52, Luqa Road, Paola li huwa proprjeta' parafernali tal-istess AB u dan sakemm huwa jsib post alternattiv u jkun f'posizzjoni li jhallas il-kera tal-istess.

4. Tiddividi l-gie iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u tordna lill-istess AB tirritorna deheb li hija hadet minn gewwa d-dar matrimonjali li huwa proprjeta' tal-esponent u dan skond rapport li saru ukoll lill-pulizija.

5. Tillikwida kull beni li saru mit-3 ta' Awissu, 1997 bejn l-istess partijiet u dan fost l-ohrajn billi tillikwida u tistabilixxi l-valur u l-ammont ta' xoghol u benefikati li l-esponent ghamel sabiex irrenda l-istess fond abitabbli nkluz u mhux biss l-ispejjes li huwa nefaq sabiex nxtraw l-ghamara ghall-istess fond.

6. Tillikwida d-danni li l-esponent soffra minhabba l-fatt li huwa ma kienx zamm ix-xoghol/negozju tieghu ghaliex huwa kien miftiehem ma' martu li jnehhi negozju sabiex la darba martu, AB tlesti l-kors tal-istudji taghha huma jmorru jabitaw Spanja u huwa jiftah negozju hemm.

7. Tordna li l-istess AB thallas is-sehem taghha mill-kontijiet tas-servizzi li hemm fl-istess fond, ossia dar matrimonjali.

8. Tordna ukoll sabiex l-istess mart l-esponent AB tirrifondi l-flejjes li huwa kien ghaddielha waqt li hija kienet qed tistudja Spanja flimkien mal-imghaxijiet u spejjes ohra inkorsi. Dawn il-flus kienu ggenerati mill-attivita' tal-esponenti.

9. Illi huwa ma jsibx oggezzjoni li din l-Onorabbli Qorti tawtorizza li ai termini tal-Artikolu 62 (1) tal-Ligijiet ta' Malta, hija tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe' "C"

10. Tapplika *in toto* jew *in parte* kontra l-intimat l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes u l-imghax u l-attrici ngunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-attrici ghall-kontrotalba tal-konvenut fejn eccepiet:-

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, il-kontrotalba tal-konvenut CB hija nulla u dana stante li tonqos milli tissodisfa d-dispost tal-Artikolu 156(1) (d) u 398 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, filwaqt illi l-esponenti ma taqbilx mal-allegazzjoniijiet u l-pretensjonijiet imressqa minn zewgha, liema huma inveritieri u nfondati ghal kollox, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan hekk kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. L-esponenti tirriserva minn issa li tressaq ix-xhieda in sostenn.

3. Illi fir-rigward tat-talbiet, l-esponenti tissottometti s-segwenti:-

    a. Illi l-esponenti topponi ghall-ewwel talba ta' zewgha u dana stante illi fl-ewwel lok l-intimat kapaci jahdem u jiggenera introjtu u ma jahdimx biss fuq ghazla personali tieghu. Di piu' jinghad illi kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza, l-intimat iddekada mid-dritt tieghu li jitlob u jircievi manteniment minghand martu l-esponenti. L-esponenti topponi ukoll ghat-tieni parti tal-ewwel talba u dan stante li m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi li ghaliha hija ghandha titqies li ddekadiet mid-dritt li titlob u tircievi manteniment minghand zewgha u dana

gialdarba z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli esklussivament minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimat;

b. Illi konsegwentement, l-esponenti topponi ukoll ghat-tieni talba ta' zewgha.

c. Illi l-esponenti topponi ghat-tielet talba tal-intimat li jibqa' jghix fid-dar konjugali, liema proprjeta' hija proprjeta' parafernali taghha. Kif ga nghad m'hemm l-ebda raguni valida li zewgha jinghata d-dritt li jibqa' jabita fid-dar matrimonjali u dan iktar u iktar meta illi l-htija ghat-tkissir b'mod irrimedjabbli taz-zwieg tal-partijiet, hija attribwibbli esklussivament lilu u dan kif ser jirrizulta ampjament u ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

d. Illi bir-rispett jigi sottomess illi r-raba' talba tal-intimat hija legalment improponibbli u dan gialadarba l-partijiet m'ghandhom l-ebda komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u dan l-ghaliex huma xoljew il-komunjoni tal-akkwisti permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Joseph Debono u ghalhekk certament illi m'hemm l-ebda gid mizmum in komun bejniethom. Ghal kull buon fini jigi ccarat illi l-uniku deheb li l-esponenti hadet mid-dar konjugali huwa dak li jappartjeni lilha kemm fizikament kif ukoll legalment ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-assi ffirmat mill-partijiet.

e. Illi l-esponenti topponi ukoll ghall-hames talba ta' zewgha u dan gialadarba huwa qatt ma kkontribwixxa ghall-familja anke l-ghaliex huwa kwazi dejjem ghazel li ma jahdimx u ghalhekk huwa inkoncepibbli kif issa qed jippretendi u jallega li huwa nefaq xi spejjes fid-dar konjugali appartenenti lill-esponenti.

Jinghad ukoll illi mill-ftit hidma li huwa ghamel dejjem spicca fi djun kbar.

f. Illi l-esponenti topponi bil-qawwa ghas-sitt talba ta' zewgha u dan stante li m'huwa minnu xejn li hija b'xi mod gieghlitu jnehhi n-negozju tieghu u l-ghazliet kollha li ghamel, ghamilhom wahdu. Effettivament, l-intimat vera nehha n-negozju tieghu, izda dan ghamlu ghax huwa dahal fi djun kbir u mhux biex jikkuntenta lill-martu li dejjem hadmet qatigh biex izzomm il-familja bl-ahjar mod possibbli.

g. Illi l-esponenti topponi ghas-seba' talba ta' zewgha u dan stante li kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza, minhabba agir tal-intimat, hija kellha tallontana ruhha mid-dar konjugali li tappartjeni esklussivament lilha. Ghaldaqstant, stante li fil-prezent l-intimat qed ighix wahdu fl-imsemmi fond, l-esponenti tikkontendi li l-kontijiet in kwistjoni ghandhom jithallsu kollha mill-intimat u dan sakemm l-istess johrog mill-istess fond.

h. Illi l-esponenti topponi ukoll ghat-tmien talba ta' zewgha u dan stante li m'huwa minnu xejn li b'xi mod huwa hallas ghall-istudji tal-esponenti. Kif gia' nghad u kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, kull meta hadem l-intimat huwa qatt ma rnexxa u effettivament dejjem spicca bit-telf u bid-dejn u jiddependi fuq martu.

i. Illi l-esponenti taqbel mad-disa' talba ta' zewgha u liema pproponiet anke hi u cioe' li tirriverti ghall-kunjom xbubitha.

j. Illi l-esponenti qiedgha topponi ghal ghaxar talba tal-intimat stante li m'hemm l-ebda raguni biex jigu applikati fil-konfront taghha l-Artikoli 48 seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u semmai dawn ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-intimat innifsu.

k. Illi finalment l-esponenti qed topponi ghall-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kollha kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

**FATTI**

**RESPONSABBILITA'**

1. Il-partijiet iltaqghu meta l-attrici kienet qed tahdem bhala kaxxiera f'pizzeria, filwaqt li kienet ukoll ghalliema u taghti l-privat, tbiegh il-make up mal-Avon. Il-konvenut kien staqsiha biex tohrog mieghu, wara li kienet tatu l-printer ghat-tiswija u rrifjuta li jaghtihulha lura sakemm kienet accettat li tohrog mieghu u meta saret tafu kien jidher sincier u ratu minn lenti ohra.

Tghid li n-nies kienu jghidulha sabiex ma tohrogx mal-konvenut peress li ma kienx jaf min kien missieru u din l-affari kienet iddejjaqha.

Wara sitt xhur kienu tgharsu u ftit wara kienet haditu maghha ghand it-tabib biex ifehmu li c-cycle taghha kien irregolari u sabiex jifhem li c-cans biex hi tinqabad tqila, kienet aktar ferm difficli milli haddiehor. Rieditu jkun jaf bir-riskji u minkejja li ma kienx jidher li kien hemm problema ta' infertilita', seta' jiddeciedi jekk riedx jitlaqha jew le.

Tiftakar li darba meta kellu l-birthday il-konvenut, l-attrici tghid li kienet ghamlitlu surprise kejk u kien sorpriz hafna peress li semma' li qatt ma kellu kejk u hi u ommha kienu bkew. Peress li kien ihallas lin-nies biex isajjrulu, l-attrici kienet talbet lil ommha sabiex issajjarlu u kien ihallasha tal-ikel u mhux ta' idejha.

Kienet sabitlu diversi ittri ta' mhabba lil mara ohra, li l-konvenut ighid li kienet akkuzatu talli gieghlha toqtol lil zewgha. Il-konvenut jinnega dan kollu.

Meta bdew ifittxu dar kienu dahlu fid-dar tan-nannet l-attrici u kien ghamel xi kambjamenti strutturali. Sadanittant kellhom ibiddlu d-data tat-tieg minhabba li hu l-attrici kien ghadu l-isptar u ghalhekk tilfet id-depoziti li kienet ghamlet lejn it-tieg. L-attrici kienet spiccat hitet il-libsa tat-tieg minhabba il-finanzi u l-konvenut kien ghenha tixtri ***washing machine, izda*** kienet irrangat prezz ahjar minn Lm90 fuq il-magna u meta marret thallas kien hemm il-konvenut prezenti u talabha biex johrog cekk ta' Lm90 ghax kellu jaghti lis-sid tal-hanut.

L-attrici tispjega li wara li zzewwgu, il-konvenut kien tbiddel kompletament u lanqas setghet tgharrfu. Wara z-zwieg kienu marru honeymoon l-Awstralja ghal sitt gimghat u hallset kollox hi u minn hemm

il-konvenut riedha tixtrilu video camera, li wara jirrizulta li qatt ma uzaha. Kienet xtratlu ukoll mobile.

2. Maz-zwieg, l-attrici tghid li l-konvenut kien beda jinbidel. Ma kienx johrog jew imur il-bahar maghha. Tul iz-zwieg kienet anke bdiet titghallem l-Ispanjol sabiex tghaddi z-zmien u ma tkunx wahedha. Anke meta kien irrizulta li kellha t-thyroid underactive u kien hargilha z-zokkor, ma kienx jakkumpanjaha ghand it-tabib. Ma tantx kien bniedem nadif u tghid li kien bniedem li jhobb jahbi. Tiddeskrivih bhala persuna li jwahhal f'kulhadd u qatt m'ghandu tort. Kien jidher traskurat ukoll fi hwejjgu u fl-affarijiet personali tieghu.

3. L-attrici kienet tilmenta ukoll li l-konvenut kien igib habib id-dar taghhom u dan kien ikun hemm regolarment. Hi kienet titrattah tajjeb, pero' bdiet tiddejjaq ghaliex kien iddum ghandhom filghaxijiet u kienet tkun trid il-libertajiet taghha go darha.

4. Il-konvenut lanqas kien jiftakar okkazzjonijiet bhal birthday, anniversarji, kellha bilfors tfakkru l-attrici. Meta kien hemm l-ewwel Mother's Day kienet ikkonvinciet lill-konvenut sabiex imorru fuq il-qabar t'ommu, imma spiccaw jillitikaw u ma regghetx semmiet li jmorru fuq il-qabar, ghax wara kollox kien qallha li kien telaq mid-dar meta kellu 14-il sena u lanqas tant kien jirrispettaha.

   L-attrici tghid li kienet eccitata ghac-celebrazzjoni tal-ewwel Milied taghhhom bhala mizzewwgin u kienu anke tgharrsu fil-Milied. Izda l-konvenut ma ridihx tarma d-dar u din kienet l-unika darba li armat. L-attrici hasset li kien jobghod il-Milied minhabba t-trobbija tieghu. Minn dakinhar ma regghux iccelebraw din il-festa u lanqas l-Ewwel tas-Sena u

minflok dejjem kienu jispiccaw id-dar. Kemm damu flimkien marru xi tlett darbiet biss ghal weekend break u kienet hallset kollox l-attrici, izda kienet thallas ghalxejn, ghax lanqas kien jiehu breakfast.

5. L-attrici tghid li kienet indunat ukoll li l-konvenut kien tip ta' bniedem vendikattiv peress li hafna drabi meta kien jilghab strategy games, kien jaghmel minn kollox biex jirbah u jirrovina lil haddiehor bl-istrategija tieghu. Kien ighid li dan kien itih pjacir kbir.

6. L-attrici thoss li l-konvenut kien persuna minghajr empatija, ghaliex minkejja li kellu trobbija iebsa, lanqas kien jaghdirha meta kienet tibki minhabba certi cirkustanzi tal-istudenti taghha, li ma kienx ikollhom x'jieklu jew tfal imsawwtin jew abbuzati.

7. L-attrici tghid li fir-relazzjonijiet intimi bejniethom qatt ma kien hemm penetrazzjoni u dan minhabba li l-konvenut kellu problemi ta' impotenza. Tispjega li l-konvenut ma setax ikollu erezzjonjiet u kien ghamel l-ewwel sentejn taz-zwieg taghhom jimmasturba kif ezatt iqum. Kienu marru jaraw endokronolgu li kien iccekkjalu d-demm u kien irrizulta li kellu l-livell tal-isperma tieghu ta' wiehed ta' 80 sena u dan skond it-tabib minhabba t-tipjip u l-haxixa li kien ipejjep qabel ma zzewwgu. Kien tah ukoll injection biex izid it-testosterone u kellu jiehu ohra izda rrifjuta li jehodha. It-tabib kien tah l-injections peress li l-konvenut kien naqas li jiehu l-pilloli li suppost ha. L-attrici bdiet tmur ghand it-tobba biex tirranga l-period taghha biex forsi fl-ahhar il-konvenut jirranga, izda rrealizzat li kienet bahnana. Imbaghad iddecidiet li riedet tadotta, izda l-konvenut kien irrifjuta sakemm haseb li huha ried jadotta ukoll u hemm ghamilha kompetizzjoni u ried jadotta qablu, madanakollu dan qatt ma sehh.

Darba minnhom fiz-zwieg kien qalilha li kien tkellem mal-qassis li kien qallu li ghaz-zmien ir-Randan kellu jieqaf milli jkollhom relazzjonijiet intimi, minkejja li fl-intimita' taghhom qatt ma setghu jkollhom sess u accettatu kif inhu. L-attrici tghid li kien ikollhom "heavy petting."

8. L-attrici tistqarr li l-konvenut kien tilef il-business bl-isem MediaTech u dan minhabba l-accountant DE u kellu xi Lm20,000 dejn mal-bank. Ghamel ftit xhur bla xoghol u mbaghad beda jirrekordja xi CD's tal-Playstation id-dar biex jaqla' xi haga. F'dan iz-zmien kien beda jgerger li kellu hafna shana fis-sular ta' fuq u spiccaw ghamlu air conditioner, izda mhux fil-bedroom biex ma jishnux il-kompjuters, izda fil-kamra l-ohra.

9. Tul iz-zmien li dam dizokkupat, il-konvenut kien qed jirregistra mal-ETC u kien igibha bit-tqila meta kienu jibghatu ghalih. Peress li kien qed ikun id-dar kien iddecieda jaghmel l-ghassa li gar li fuqu ffissa li kien qed jaghmillu l-hsara fil-karozza, peress li kien jipparkja vicin tad-dar tieghu u martu kienet kellmet lill-attrici. Iddecieda li kienu se jaghmillu l-ghassa bis-senter biex jaghtih tir, l-attrici ssostni, tant li kienet tmur inkwietata x-xoghol, pero' llum dan ir-ragel huwa haj.

10. Il-konvenut ghamel xi zmien kellu negozju ma' certu FG, izda l-attrici tghid li ma tafx x'kien u spiccaw li l-konvenut kellu hafna inkwiet mieghu ghax hadlu hafna flus. Kienet sabet cekk li tiddeskrivih stramb ghax kien mahrug mill-HSBC izda kien differenti. Kien qalilha li habib ta' FG kien fetahlu kont barra minn Malta. Mir-ricerka li ghamlet irrizultalha li biex tiftah kontijiet ta' dawn it-tip ghandek bzonn mill-inqas 60 sterlina. Minn hawn beda bin-negozju tas-satelliti u kienu jsiefer hafna lejn Dubai u kien hemm darba meta kien mar Singapore u darba kienet marret mieghu anke Catania.

11. L-attrici tispjega li kienet ilha ggemma l-flus biex tixtri l-vettura li kienet dejjem tixtieq u kienet bil-ghaqal hafna bil-flus. Kull darba li kienet iddur mal-konvenut biex tixtri l-vettura dejjem kien isib problema, imbaghad is-Lm6,000 li kienet gemghat biex tixtri l-Opel Astra spiccat tathom lill-konvenut li uzahom f'negozju f'Tunez, fejn wara saret taf li kien gie arrestat. Qatt ma kien taha raguni, izda kien qallha li kulhadd ighir ghalih u kulhadd jixtieqlu d-deni. Meta wasal Malta riedha tghid lil min kellu jaghti l-flus, li kien marid bil-kancer u kellu hafna inkwiet. L-attrici tghid li rrifjutat peress li kienet gidba.

Imbaghad biex ihallas id-dejn mal-bank kellu jbiegh id-dar t'ommu u tghid li qatt ma rat dawn il-flus.Kellu jiehu xi Lm6,000 minghand xi nies u kienet marret tkellimhom bil-kelma t-tajba u rnexxielha tigborhomlu. Kien hemm wiehed li jbiegh id-droga mill-hanut u kienet iggieldet mal-konvenut ghax wissitu li ma kinitx taqbel li jkollu dawn in-nies bhala klijenti. L-istess kien gara meta ried jaqdi klijent li ried videos pornografici tat-tfal. Kienet irrabbjat hafna mieghu u heddidtu li se tirrapportah l-ghassa, izda tghid li qatt ma qabbditu, izda zgur kienet tirrapportah.

12. Meta l-konvenut kien biegh id-dar f'Birzebbuga fis-7 ta' Gunju, 2000 kien xtara boathouse il-Mellieha. L-attrici tghid li l-konvenut ried imur ighix hemm ghal dejjem, izda kienet tibza' ghax ma kien ikun hemm hadd fix-Xitwa. Is-soluzzjoni ghall-konvenut kienet li jixtrilha revolver u ovvjament m' accettatx. Fis-sajf tghid li kien ihalliha hafna wahedha. Kienet tqatta' hafna weekends ma' habiba taghha, li kienet tkun sorpriza kif kull darba li tistiedinha kienet tmur u li l-konvenut qatt ma kien icemplilha.

13. Tul iz-zwieg il-konvenut kien biegh hames proprjetajiet, kif ukoll cabin cruiser. Kien avzaha li ma kienx se jaghtiha lira minnhom u wara kollox kienu parafernali. Kien bieghhom b'certi oggetti personali tal-attrici, li qatt ma rega' gew lura ghandha.

14. Il-konvenut kien rega' spicca bla xoghol, imma ma kienx qal lill-attrici, li kienet indunat li ma kienx jitlaq qabilha ghax-xoghol. Kellu rabja kbira ghal siehbu fin-negozju, H u mar ghand il-pulizija jhedded li se joqtlu. Dam xi disa' xhur bla xoghol u kien waqa' f' depression u ghalhekk haditu Spanja fuq btala u hallset kollox hi.

15. L-attrici ssemmi diversi okkazzjonijiet li juru li l-konvenut kien bniedem bla empatija. Qatt ma rringrazzjaha meta bajdet id-dar sakemm kien Tunez, ma hass xejn ghaliha meta tibki ghax kien qed jaqalgha xagharha.

16. Waqt li l-konvenut kien wieqaf mix-xoghol kien qed jistudja u sadanittant kienet marret tistudja Spanja ghax ma kienx riedha ma' saqajh. Damet sitt gimghat hemm. Il-konvenut kien sab impjieg mal-Next Generation, izda beda jiddejjaq wara ftit xhur u ddecieda jitlaq u jerga' jiftah negozju tal-kompjuters ghalih, minkejja li kien wieghedha li ma kienx. Kien dahal shab ma' certu I, imma wara hames snin riedu 'l barra u xtara sehemhu u l-attrici kellha tiffirmalu ghal loan ta' Lm5,000.

17. Meta kienet wirtet id-dar ta' nannitha, fuq parir ta' missierha u tan-Nutar, l-attrici kienet dehret fuq il-kuntratt ta' donazzjoni wahedha, minkejja li llum il-konvenut baqghalha f'din id-dar u tinsisti li huwa dritt taghha li jitlaq minn hemm.

18. Il-konvenut baqa' biex fetah erba' hwienet u qatt ma kien ikun id-dar. Sakemm fetahhom, ried l-attrici tiffirmalu sabiex jiehu l-loans, izda kienet

irrifjutat peress li kemm il-darba kien falla n-negozju li kellu. Kien hawn li talabha biex jaghmlu separazzjoni tal-beni u fuq parir tan-Nutar taghha kienet accettat.

19. F’dan il-perjodu, il-konvenut kien johrog fil-5.00 am u kien jidhol lura fil-11. 00 pm. Kien ighidilha li kien ikun il-hanut u joqghod jirranga wara li jitilqu l-haddiema.

20. L-attrici riedet isegwi kors tal-Ispanjol l-Universita’, pero’ l-konvenut kien qed jopponi peress li fil-fehma tieghu ma setghux ighaddu minghajr il-paga taghha. L-idea baqghet tippersisti u peress li kienet konxja li kienet *mature student*, kienet tkellmet mal-psychotherapist JK, li kienet issuggeritilha sabiex titlaq lill-konvenut peress li kien jidher li l-konvenut kien qed jimmanipulaha. Fil-laqghat li kellhom ma’ Mrs. K, il-konvenut kien gideb li hu persuna nadifa, izda li kien impotenti ma gidibx.

*21.* L-attrici tispjega li tant kellha dwejjaq f’dan iz-zwieg, tant li kienet wasslet ghall-*self-harming*. Kienet ippruvat taccetta lill-konvenut kif kien u biex jehles minnha kien jibghatha tixtri *vibrator*.

22. Ghal darb’ohra l-konvenut kien qalilha li l-hwienet ma kinux sejrin tajjeb u ma setax itiha l-istess ammont ta’ €50 fil-gimgha, izda kien se jnaqqashom ghal €20 biss. Peress li kien fetah erba’ hwienet kienet talbitu l-flus li kienet sellfitu lura, ghax kellu l-prioritajiet tal-hwienet.

23. F’ Novembru, 2010, l-attrici kellha problema b’sidirha u kienet tmur kull gimgha l-Isptar Sir Paul Boffa. Il-konvenut kien talbha biex ma jarahix bla bra ghax sidirha kien imtebba’ u ma kinux ghogbuh. F’dan il-perjodu ukoll, il-konvenut kien rega’ fetah negozju “Ahead Technologies u Ahead Stationers,” fejn kellu partner iehor, certu LM, li spicca telaq wara xi zmien

peress li kien falla n-negozju. Ghal darb'ohra l-konvenut beda jghid li Sciberras ghandu jtih il-flus. Kien hadha l-garaxx ta' L ghax kellu c-cwievet u kienu hadu xi affarijiet. Wara hasset li forsi dawn l-oggetti haduhom b'serq u ghalhekk kienet disposta li tghid il-verita' lill-pulizija. Imbaghad, il-konvenut kien uriha karta ffirmata minn M biex jikkonvinciha li kellu permess jiehu dak li ried. Waqt li kienet qed tistudja fi Spajna ghall-habta tas-sena 2012, kienet bghatitilha messagg fuq Facebook il-partner ta' L, biex tghidilha tavza lill-konvenut biex ma joqghodx ighid li L ghandu d-dejn, ghax l-imdejjen kien hu. Meta kkonfrontat lil zewgha dan cahad li kellu d-dejn.

24. L-attrici tghid li aktar m'ghadda z-zmien, aktar bdiet tiddejjaq bil-mod kif kien jittrattaha hazin. Jekk kellu l-hanut tal-photocopies, hi kellha thallas l-istess prezz bhall-klijenti, filwaqt li l-impjegati tieghu, kienu jhallsu bi prezz skontat.

25. L-attrici tghid li aktar ma bdietx tafdah ghaliex kien beda jgib il-prodotti tal-Guerlain u kienet konvinta li kien jixtrihom bil-kuntrabandu. L-unika darba li kien tah rigal ghal San Valentinu kien meta taha fwieha ta' Guerlain, izda kienet tal-irgiel. Kienet irritornat din il-fwieha lura l-hanut.

26. L-attrici tammetti li kienet thobb lill-konvenut hafna u li kienet taghmel minn kollox biex tghattilu, tant li darba minnhom kienet ghadha kemm waslet wara seba' xhur Spanja u l-konvenut kien hadha direttament lejn il-hanut il-Mosta. Kien hemm klijenta u semmghetha ssaqsih kif ma kellhomx tfal u peress li l-konvenut kien qalilha saqsi l-mara, qaltilha li kellha problema ta' imbalanced hormones.

27. L-inkwiet aktar beda jizdied meta dahal impjegata mieghu certu N, li kellha hafna kunfidenzi zejda mal-konvenut. Din kienet qaltilha li kienet thobb

lill-konvenut hafna u kienet tehodlu l-ikel ix-xoghol u tindahal fejn ma jesahix. Kienet tiftahar maghha li l-konvenut kien ihallihom jiehdu l-affarijiet mill-hanut u jhallsu meta jistghu. Meta kienet tipprova tiftahlu ghajnejh, il-konvenut kien ighajjarjha injoranta u li tahseb hazin il-hin kollu.

Darba fost l-ohrajn il-konvenut kien talabha tmur fil-hanut ta' Rahal Gdid u kienet indunat li kien hemm is-salesgirl u kienu qed jitmelhu biha u jharsu lejn zaqqha. Ghal darb' ohra, il-konvenut kien meriha u li qed timmagina, pero' hi spiccat li kellha tmur ghand psychotherapist bil-mohbi, li kienet irrakkomandatilha biex titlaq lill-konvenut.

Kienet gietu l-ideja li jiftah is-sular ta' fuq tal-hanut tal-Mellieha ghax ried jiftah gelaterija. L-attrici ma kinitx favur minhabba li kien hemm hafna ristoranti fl-inhawi. Kien tal-idea li jiftah fuq wara li jaghlaq l-istationery u jibqa' ghaddej sa filghodu. L-attrici ma kinitx kuntenta b'din l-ideja ghax kien donnu qed isib kull skuza biex ma joqghodx maghha. Kienet fil-fatt qaltlu biex jaghzel bejnha u N, izda ghal xi raguni jew ohra, il-konvenut ma setax ikecciha.

28. Fl-2012, l-attrici kienet qed tistudja fi Spanja u kienet qed tinduna kemm kienet kuntenta minghajr il-konvenut u kienet tkellmet mal-konvenut li spicca kollox bejniethom u kienet se tiddeciedi se taghmel. Kienet ghadha thobbu, pero' kien ipoggi lil kulhadd qabilha u kien hemm nuqqas ta' rispett lejha. Sadanittant, biegh il-hwienet kollha u kien cemplilha u tghid li ma kellhiex kuragg titilqu issa, pero' ddecidiet li tmur lura bil-kundizzjoni li jqatta' aktar hin maghha u ma jkunx hemm N ohra.  Izda r-relazzjoni ma nbiddlitx.

29. Ftit wara li biegh il-hwienet talabha biex issellfu xi flus u bdiet tirrifjuta u anke meta hadha l-bank biex tiffirma, izda mbaghad kienet kellmitha mara u kienet issuggerit li ahjar tiffirma ghax il-konvenut kien qed jirrisika l-habs. Meta kkonfrontatu kien qalilha li l-accountant taghhom OP, kien halef li kien se jdahhlu l-habs u spiccat iffirmatlu.

Meta kienet infurmatu li kienet se tipprocedi ghas-separazzjoni legali fl-2015, kien ghaddielha l-karti tal-bank li bihom setghet tikkonferma li ma kinitx tilfet id-dar. Imbaghad saret taf li f' Dicembru, 2015, OP kien fetahlu kawza ghall-flus li kellu jtih u li hi kienet ghamlet tajjeb bid-dar. Ghalhekk saret taf li l-flus li ha minn fuq id-dar taghha xi €40,000, ma kienx uzahom biex ihallas lil P u ghadha ma tafx x'ghamel bil-flus.

30. Il-problema tal-flus baqqghet ghaddejja. L-attrici kienet ma tiflahx u ghamlet hames xhur fis-sodda, il-konvenut ammetta li kien hadielha €500 mill-credit card biex uzahom ghall-internet u kien anke zarmalha l-flus mill-karusiijiet. Kienu gieli anke jigu ssabbtu mal-bieb bis-selvagg ghax ikunu rrabbjati ghax ikunu jridu l-flus.

31. Sadanittant, l-attrici ntaghzlet biex tmur taghmel Masters fi Spanja u riedet iggemma l-flus sabiex tkun tista' tmur u baqghet lura hafna milli tonfoq. Il-konvenut kien beda jiddejjaq ikun impjegat u ddecieda li jsegwi kors mal-attrici tad-Diploma for Teaching Adults. Pero' kien isibha difficli hafna u kien iridha taghmillu x-xoghol.

Saret taf li kienet intaghzlet biex tmur Spanja u f' dan iz-zmien bdiet terga' tqis jekk ghandhiex tissepara minn mal-konvenut. Sakemm damet Spanja, minkejja li kellha problemi b'darha, irrealizzat li sahhitha kienet qed taqleb ghall-ahjar, ghax iz-zokkor kien nizzlilha u kienet tilfet 18-il kilo ghax ma

kinitx baqqghet tinfexx fil-pakketti. Hemm intebhet li kienet ahjar minghajr zewgha, imma dejjem kellha l-biza' li titilqu peress li kien jheddidha li kien ser jispara ghall-halqu.

32. L-attrici bdiet tissuspetta hazin meta kienet icempel lill-konvenut fil-hdax ta' filghaxija u ma kienx iwegibha. Kien anke beda jinhasel ta' sikwit. Kien anke ammetta maghha li kellu xi €400, 000 dejn. L-attrici kienet waqqfghet tikkomunika mieghu permezz tal-Iskype u ddecidiet li ma setghetx tkompli tibza' li seta' jispara fuqu nnifsu u kien hawn li kienet infurmatu li ma riditx tibqa' aktar mizzewwga u tghix il-hajja li kien qed ighix. Talbitu jiffirmalha karta li kienet selfitu Lm6,000 u biex igiblha lura l-affarijiet taghha li kienu fil-proprjetajiet li biegh.

Il-konvenut kien imbaghad ivvinta li kellu bocca f'ghonqu u li qed timpedixxi lill-ossignu jitlaghlu f'mohhu, izda rrizulta li ma kienx minnu u kienet kwazi se tirrizenja mill-kors li kienet qed isegwi fi Spanja.

33. Meta l-attrici rritornat lura Malta, f'Settembru, 2015 kienet marret tghix go post mikri, filwaqt li l-konvenut kien ghadu jghix fid-dar matrimonjali. L-attrici kienet ghamlet hekk ghax bezghet li kienet ser terga' taqa' ghall-konvenut.

Meta dahlet l-ewwel darba fid-dar matrimonjali, l-istat tal-post kien dizastru, aghar minn maqjel. Kien fethilha l-posta kollha u kienu sparixxew ukoll il-cards tal-banek. Tul dan il-perjodu ukoll saret taf li kellha taghmel zewg operazzjonijiet f'darha u talbet lill-konvenut biex jilhaq johrog mid-dar sakemm ghamlet dawn l-operazzjonijiet f'Dicembru, 2015.

Il-konvenut baqa' ma telaqx u l-attrici bdiet theddu bil-qorti u talabha biex jixtri l-karozza u d-dar minghandha.  L-attrici talbitu sabiex l-ewwel ihallasha lura s-Lm6,000, imbaghad tara. Kienet qabdet l-avukat taghha, minkejja li l-konvenut kien baqa' jinsisti li ghandhom juzaw l-istess avukat. Kien akkuzaha li serqet id-deheb mid-dar u kien irrapportaha mal-pulizija, tant li kienu ghamlu investigazzjoni u din kienet affettwata hafna. Hi tinnega li hadet dawn id-dehebijiet.

34. L-attrici semmiet ukoll li saret taf li l-konvenut li ma kienx hallas l-income tax kull sena.  Kien jitlobha l-FS 3 taghha u kien imur ghand l-awditur u kien iwahhal fiha li kien qed jehel it-taxxi. Kienet spiccat li kienet hallset izzejjed u kien zamm ic-cekk il-konvenut. Hawn indunat kemm kienet dghajjfa u kienet tafda wisq fil-konvenut.

Skopriet ukoll li ma kienx minnu li l-konvenut kien haddilha d-dar biex ihallas lill-accountant Joseph Polidano, izda dan kien fetahlu kawza peress li kellu jtih €500,000 u bil-wicc tost kollu kien mar cruise.

Kienet skopriet ukoll li kien instab hati fuq zewg kawzi Avviz nru. 75/13c CSH ghall-ammont ta' €5,663.18 u Avviz Nru. 112/13 MF ghall-ammont ta' €7,342.63. Minflok kien ighidilha li kellu jmur il-Qorti ghax kienu jqabbduh bhala espert fil-komputers u kienet temmnu.

Il-konvenut kien qal lilll-attrici li  kien biegh il-vettura l-Peugeot 405 b'numru ta' registrazzjoni DBC 754, izda mbaghad skopriet li ma kienx hallas ic-citazzjonijiet li kellu fuqha li kienu jammontaw ghal aktar minn €2,000.

35. Meta bdew il-proceduri l-Qorti kellha tirrizenja mix-xoghol li kienet sabet Spanja, kif ukoll tilfet l-opportunita' li tattendi l-korsijiet fl-Universita' f'Spanja sabiex taghmel id-dottorat.

Saret taf, ghax gie d-dokument f'idejha li kien biegh in-negozju kollu fil-11 ta' Novembru, 2011 u mhux minhabba li riedet titilqu, ghax dan kien xi seba' xhur wara.

L-iktar haga li ma tistax tnizzel hija li giddbielha ghal tmintax-il sena shah, meta minn wara darha kien mar ghand tabib biex jiehu konsultazzjoni fuq l-impotenza u dan kien infurmah li hija haga genetika u li jkun ahjar jekk jitlaq lill-attrici ghax hi se jkollha l-bzonnijiet taghha. Il-konvenut kien qal lill-attrici dan wara li telqitu. Dan jibqa' dispjacir kbir ghaliha ghax qatt ma tista' tkun omm.

36. L-attrici esebit diversi ritratti sabiex turi l-istat u l-hsarat tad-dar matrimonjali li halla warajh il-konvenut meta gie zgumbrat mill-istess fond.[1]

37. Xehdet WPS 269 Miriam Lia li esebit diversi rapporti.[2]

38. OP, kien l-accountant tal-konvenut. Kien sar jafu tramite klijent iehor tieghu Robert Sciberras. Peress li dan M ma kienx qed ihallsu kien se jinfurmah li kien se jieqaf jahdimlu, izda sadanittant kien mar ikellmu l-konvenut li kien se jidhol shab ma' dan M. Il-konvenut kien ha loan fuqu mill-Bank of Valletta plc. peress li M ma setax jasal u l-istess konvenut kien ghamel tajjeb ghalih, kien tah parti garanzija M b'xi flat il-Qawra,

---

[1] Ara fols 289-293 tal-process.
[2] Ara Dok.ML 1 – ML 3 a fol. 203-208 tal-process.

filwaqt li l-konvenut kien ghamel tajjeb bil-business li kellu l-Mosta, il-Mellieha u kien ghadu kemm fetah l-istationery tal-MCAST. Ghalhekk il-konvenut kellu kapital fil-business li gie accettat mill-Bank.

39. Ighid li kien dam l-accountant taghhom bejn l-2009-2012, imbaghad M kien falla u kien ghen lill-konvenut u ghamel tajjeb ghalih, fis-sens li kien apparti li jaghmel l-accounts, kien jara l-karti, ihallas lin-nies, joqghod attent ghall-kontiijet, idur il-hwienet biex jigbor il-cash, jaghmel deposits il-bank u jhallas il-kredituri. Il-konvenut kien wieghdu li kien se jhallsu l-flus li kellu jaghtih M u ghalhekk beda jghinu. Jikkonferma ukoll li l-konvenut kellu x'jaqsam biss mas-suppliers.

40. Pero' wara tlett snin kien beda jghajja ghax kien hemm wisq gbir ta' flus involut u n-negozju mhux dejjem kien imur tajjeb. Imbaghad induna li kien hemm tbabiz fil-fondi minn naha ta' M. Ighid ukoll li l-konvenut kien induna li l-partner ta' M li kienet impjegata mieghu kienet qed tbattallu l-istore.

P ighid li kien hemm proceduri li ttiehdu u fil-fatt pproduca x-xhieda tieghu li ta fil-proceduri kriminali li kien hemm bejn il-konvenut u LM.[3]

P kkonferma ukoll illi kellu proceduri kontra l-konvenut peress li kellu jtih €34, 803.50 u kien baqghalu jigbor €28,000. Esebixxa cekk fl-ammont ta' €10,000 li jghid ma ssarrafx.[4] Jikkonferma li l-konvenut kien assuma d-dejn ta' M fil-konfront tieghu u dan kien jammonta ghal €20,000 xoghol.

Dwar l-accounts li kien izzomm ghall-hanut tal-istationers il-Mellieha ghall-perjodu bejn 1 ta' Jannar, 2011 sat-30 ta' Gunju, 2011, kien hemm

[3] Ara Dok. PA 1 a fol.276 tal-process.
[4] Ara Dok. PA2 a fol. 278-280 tal-process.

telf ta' €14,000 u dejn globali ta' €178,447. Bhala assi kien hemm €57,333 good will li kien ghad irid jithallas. Il-valur tan-negozju kien minus €75,014. F'dak il-perjodu jghid li l-hanut kien f'idejn il-konvenut u LM.[5]

Il-qliegh mill-hanut tal-Mosta kien jammonta ghal €26, 275 u l-valur tal-hanut kien ta' €125,211. Dan kien ghall-perjodu 1 ta' Jannar, 2001 sat-30 ta' Gunju, 2011. Kien jiggestixxi n-negozju l-konvenut wahdu. M ma kienx involut, pero' kien jiehu oggetti ghall-hwienet l-ohra.[6]

Ghall-istess accounting period dwar il-hanut ta' MCAST kien hemm qliegh ta' €32, 266, pero' P jghid li mbaghad inqalghet problema bl-ismart cards u ghalhekk kien hemm telf ta' cirka €30,000, daqs il-valur tan-negozju.[7]

41. QR, jispjega li wara li l-konvenut kien gie zgumbrat mid-dar matrimonjali, l-attrici kienet talbitu sabiex ighinha tnaddaf u tizbarazza d-dar. Jikkonferma li kien hemm hafna hmieg, tant li lanqas ma setghu jaraw il-madum. Fil-kcina kien hemm hafna borom u platti mahmugin, bl-insetti. Kienu sabu hafna wirdien u kien hemm hafna laptops u tablets u affarijiet relatati mal-kompjuters mixhutin 'l hawn u 'l hemm.

Kien hemm ghanqbut imdendel mal-hajt kullimkien u sab il-cupboards vojta u l-frigg u l-freezer kienu jintnu. Sab munzel teabags u kartuni tal-halib vojta mal-art.

[5] Ara DOK. PA 3A a fol. 281 tal-process.
[6] Ara Dok. PA 3B a fol. 283 tal-process.
[7] Ara Dok. PA 3C a fol. 285 tal-process.

Sab ukoll hafna hmieg u loqom tas-sigaretti fis-sular ta' fuq. Kien hemm hafna imbarazz ukoll ta' hwejjeg u zraben.

It-toilets kienu jintnu u kien hemm riha qawwija ta' awrina. Kien hemm hmieg imwahhal mat-toilet ukoll.

Ighid li kien biss wara li kien ilu jizbarazza xi erba' gimghat li beda jara l-madum. It-tindif kien ghadu ghaddej sakemm kien qed jixhed u kien ahjar bhala post.

42. Il-konvenut ikkonferma li ma kienx qed jitlob manteniment u li d-dar matrimonjali kienet tan-nanna tal-attrici. In subizzjoni kkonferma li kulma kien qed jitlob kien li jiehu xi affarijiet li kellu d-dar u li ma kienx qed jitlob manteniment.

Dwar djun relatati man-negozju tieghu, jikkonferma li kien hemm is-separazzjoni tal-beni.

Dwar flus li sellfitu l-attrici, il-konvenut ighid li kienet selfitu qabel l-2009 u cioe' qabel m'ghamlu s-separazzjoni tal-beni u dawn ittiehdu mill-komunjoni. Jichad li dan l-ammont kien ta' €15,000, izda jghid li kien cirka ta' €5,000 u jsostni li ghandu jaghti biss nofshom lura peress li kienu tal-komunjoni. Mhux cert pero' jghid li kienet sellfithomlu bejn 1999 u 2001. Ighid li hu kien selflilha l-flus ukoll sabiex tistudja barra u dan minn negozju tieghu u anke wara li ghamlu s-separazzjoni tal-beni. Kien taha bejn €10,000 u €15,000. Imbaghad ighid li kienu bejn €15,000 u €20,000 li kienu johorgu mill-operat ta' Ahead. Ghalhekk ighid li ghandha titnaqqas is-somma ta' €2,500 mis-somma li sellifha.

Il-konvenut qed jippretendi ukoll il-flus li thallsu sabiex jigi rkuprat id-data li kien hemm fuq hard discs ta' server li baqghu fid-dar matrimonjali meta sar l-izgumbrament.

Dwar il-hsarat li kien hemm fil-fond matrimonjali jichad li ghamilhom hu, izda ighid li tort tal-attrici li tul ghoxrin sena qatt ma interessat ruhha taghmel xejn ghax kienet tisthi ddahhal lin-nies gewwa minhabba l-istat li kienet tinstab fiha.

Jammetti li dam ighix fil-post minn meta l-attrici telqet tistudja barra sal-2018 meta gie zgumbrat.

**<u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

1. Rebecca Micallef, in rapprezentanza tal-APS Bank li rrizultawlha s-segwenti kontijiet bankarji:-

F'isem l-attrici

i) Savings account u qieghed in credit ta' €8.82[8]

F'isem il-konvenut

i) Current account, illum maghluq;[9]
ii) Savings account, illum maghluq;[10]
iii) Loan account;[11]

[8] Ara Dok. RM1
[9] Ara Dok. RM 2
[10] Ara Dok. RM3
[11] Ara Dok. RM4

Dan il-loan account kien inhareg personalment fuq il-konvenut u kien fl-ammont ta' €22, 500 u dan il-loan gie transferred ghal gol-current account minn fejn il-konvenut kien jigbed il-flus biex ihallas bihom. Tghid ukoll li kien hemm ammont ta' €15,242.20 li ngibed mill-kont kurrenti u tqieghed fl-istess gurnata fil-loan account u dan kien fl-1 ta' Ottubru, 2012.[12]

2. Joseph Saliba, in rapprezentanza tal-JobPlus esebixxa l-employment history, ir-registration history tal-partijiet.[13]

3. Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. irrizultawlaha tlett kontijiet f'isem l-attrici li huma s-segwenti:-

Savings account ghadu miftuh u sat-28 ta' Marzu, 2017 kien hemm bilanc ta' €340.65;[14]

i) Current account ghadu miftuh u kien hemm €37.65;[15]

ii) Term deposit account li naghlaq fi Frar, 2016.

Dwar il-konvenut tghid li sabet is-segwenti kontijiet:-

i) Current account li naghlaq f'Gunju 2013;[16]

ii) Savings account US dollars li naghlaq f'Awissu, 2008;[17]

iii) Current account li naghlaq f'Settembru, 2007. L-account kien inghata l-isem ta' "Account Ahead technologies," izda xorta kien inhareg f'ismu personali;[18]

---

[12] Ara Dok. RM 2 s
[13] Ara Dok. JS 1 -JS4
[14] Ara Dok.JB 1
[15] Ara Dok. JB 2
[16] Ara Dok. JB 4
[17] Ara Dok. JB 5
[18] Ara Dok. JB 6

iv) Savings account in US dollars ghadu miftuh u l-bilanc fit-28 ta' Marzu, 2017 huwa ta' 48 cents f'dollari;[19]

F'dan il-kont kien hemm depositu ta' US 21,200, depozitu ta' kont barrani u dan sar fid-9 ta' Frar, 2009, jigifieri gew trasferiti fondi minn bank hawn Malta ghall-bank barrani.

v) Overdraft li naghlaq fi Frar, 2013. Giet esebita ukoll is-sanction letter tal-business overdraft, kif ukoll il-balance sheet u l-profit and loss;[20]

vi) Credit Card loan li naghlaq f'Settembru, 2015. Sad-19 ta' Settembru, 2015, l-ammont ta' €2,237.11 kien thallas kollu;[21]

vii) Credit card gold kienet giet irrapportata misruqa jew mitlufa f'April. 2008 u giet ikkancellata f'Mejju, 2013.[22]

viii) Kont ma' terzi tip current li jismu R.Sciberras & Mr.J, Azzopardi A/C Ahead Stationers u sa Marzu, 2017 il-kont kien ghadu miftuh b'bilanc ta' "zero."[23]

4. Alison Mifsud Brimmer, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. sabet is-segwenti kontjiet bankarji f'isem il-partjiet:-

F'isem l-attrici

i) Account numru 047065001 u skond l-ahhar statement datat 1 ta' Frar, 2017 il-bilanc huwa ta' €2.25;[24]

---

[19] Ara Dok. JB 7
[20] Ara Dok. JB8 u Dok. JB 11 u JB 12
[21] Ara Dok. JB 9
[22] Ara Dok. JB 10
[23] Ara Dok. BJ 1 a fol. 240 tal-process.
[24] Ara Dok. AMB 1

ii) Savings account 047046065050 u skond l-ahhar statement datat 31 ta' Dicembru, 2016 il-bilanc kien ta' €281.63;[25]

iii) Kont numru 047046065100 u skond l-istatement tal-11 ta' Frar, 2017 kien hemm bilanc ta' €2239.37;[26]

iv) Visa classic account bin-numru 4568824205126773 li naghlaq fit-28 ta' Lulju, 2007;[27]

F'isem il-konvenut

i) Current account 013144423001 u dan ghadu miftuh u skond l-istatement tas-27 ta' Frar, 2015 ghandu bilanc ta' "zero";[28]

ii) Current account 013144423002 u skond l-istatement datat 13 ta' Awissu, 2016 kien hemm bilanc ta' €5;[29]

iii) Savings account f'dollari US bin-numru 027031194451 u skond l-ahhar statement datat 30 ta' Marzu, 2017 il-bilanc kien ta' 62 cents fi US dollars. Minn dan il-kont kienu nhareg l-ammont ta' US dollars 20, 709.44. Gew esebiti ukoll istruzzjonijiet rigward holdings ta' Sweden 3.875%.[30]

iv) Account number 0131444340 loan account fejn hemm debitu lejn il-bank fl-ammont ta' €3.75 c interessi;[31]

v) Kont numru 047041587340 u l-ammont skond id-data tad-19 ta' April, 2017 huwa ta' €3459.31 u €843.68 interessi;[32]

vi) Loan account numru 0470415873000 li naghlaq fit-3 ta' Novembru, 2010;[33]

---

[25] Ara Dok. AMB 2
[26] Ara Dok. AMB 3
[27] Ara Dok. AMB 4
[28] Ara Dok. AMB 5
[29] Ara Dok. AMB 6
[30] Ara Dok. AMB 7 u Dok. AMB 14
[31] Ara Dok. AMB 8
[32] Ara Dok. AMB 9.
[33] Ara Dok. AMB 10

vii) Visa account bin-numru 456821238941996 u skond l-ahhar statement datat 7 ta' Awissu, 2014 qieghed 1c in debit;[34]

viii) Credit card bin-numru 5522000000127967 li naghlaq fis-7 ta' Novembru, 2010 u l-bilanc huwa "zero." L-attrici kellha supplementary card fuq dan il-card.[35]

Kien hemm ukoll kont kongunt f''isem il-partijiet bin-numru 061221230001 li naghlaq fit-30 ta' Settembru, 2009.[36]

5. Miriam Sultana, in rapprezentanza tal-Malta Stock Exchange esebit diversi dokumenti biex tikkonferma li l-partijiet ma kellhom ebda stocks.[37]

6. Rat id-dokumenti esebiti minn Ivan Cilia, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Ikkonferma li l-attrici qatt ma rceviet beneficcji socjali, filwaqt li l-konvenut kien ghamel zmien jircievihom bejn it-3 ta' Ottubru, 2016 u s-6 ta' Jannar, 2017, l-24 ta' Jannar, 2018 u s-16 ta' Frar, 2018 rispettivament.[38]

7. Rat id-dokumenti esebiti minn Brian Farrugia, in rapprezentanza ta' Transport Malta dwar vetturi li kellhom u li ghandhom irregistrati fuq il-partijiet.[39]

8. Rat id-dokumenti esebiti minn Simon Camilleri, CEO ta' Credit Info.[40] Ighid li bhala kumpanija jigbru data tal-Qorti u jivverifikaw

---

[34] Ara Dok. AMB 11
[35] Ara Dok. AMB 12
[36] Ara Dok. AMB 13
[37] Ara Doks. MS1 – MS2 a fol. 209-210 tal-process.
[38] Ara Doks. SS1 – SS2 a fol. 213-217 tal-process.
[39] Ara Doks. BF1 – BF4 a fol. 218 – 226 tal-process.
[40] Ara Doks. SC1 -SC2 a fol.273-274 tal-process.

l-istess data u din id-data tibqa' tidher sakemm id-dejn jigi saldat. Fil-kaz tal-konvenut, dwar kawzi pendenti li kellu dawn jirrizultaw mid-dokumenti esebiti, izda ma jidhrux il-kawzi kriminali. Jippreciza li din id-data tmur lura sa sitt snin biss.

9. Rat id-dokumenti esebiti minn Paul Agius, in rapprezentanza ta' Advanced Telecommunications Systems Co.Ltd li kkonferma li l-konvenut kien hadem maghhom bejn Jannar, 2015 sa Frar, 2016 u kien telaq bhala "redundant," pero' jispecifika li kien aktar minhabba li kien jiehu hafna leave u x-xoghol tieghu kien naqas. Pero' jghid li l-konvenut huwa bravu f'xogholu u gieli jqabbdu bhala konsulent meta hemm il-htiega.

Bhala overtime jikkonfer. ma li kien jithallas separatament, Il-paga tieghu kienet ta' €1,500. [41]

10. Joanne Gauci, in rapprezentanza ta' Smart Technologies xehdet li l-konvenut kien jahdem maghhom bhala Assistant Support Technician bejn il-15 ta' Ottubru, 2012 u l-31 ta' Dicembru, 2013. Il-paga ghall-bidu kienet ta' €18,000 imbaghad kellha tizdied ghal €20,000 mill-15 ta' April, 2013. Imbaghad kien ikollu l-overtime.[42]

11. Frances Bugeja, in rapprezentanza ta' M. Demajo ighid li l-konvenut kien jahdem maghhom bhala Head of ITSD fl-1 ta' Jannar, 2014 u mbaghad kien biddel ir-rwol tieghu ghal IT

---

[41] Ara Doks, PA1 – PA 3,

.

[42]Ara Dok. JG1 – JG2,

administrator mit-23 ta' Gunju, 2014. Kien spicca redundant. Il-paga tieghu kienet cirka €22,000 u kellha tizdied b'€1,000.[43]

12. Christopher Mallia, in rapprezentanza ta' Fonicom Ltd., ikkonferma li l-konvenut kien jahdem maghhom bejn l-1 ta' Jannar, 2017 sal-ahhar ta' Dicembru, 20017. Ix-xoghol tieghu kien relatat mal-IT. Kien il-konvenut li kien irrizenja minn dan l-impjieg. Ighid li kellu paga ta' €25,000.[44]

**IKKUNSIDRAT**

**RESPONSABBILITA' TAL-FIRDA**

1. **Dwar Sevizzi u Ingurji gravi**

L-attrici talbet separazzjoni minn ma' zewggha peress li thoss li rrenda ruhu hati ta' eccessi, sevizzi u offizi gravi kif ukoll vjolenza. L-istess il-konvenut fil-kontro-talba tieghu talab is-separazzjoni minn ma' martu l-attrici peress li rrendiet ruhhau hatja ta' sevizzi, ingurji gravi, eccessi u theddid.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-

[43] Ara Dok. FB1-FB5
[44] Ara Dok. CM1 – CM3.

sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Ir-rikorrenti ghamlet ukoll referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud,**

**deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Dwar it-theddid u vjolenza "***il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima."***

Iz-zwieg tal-partijiet dam tmintax-il sena u kien zwieg karatterizzat b'hafna pacenzja u mhabba da parti tal-attrici, fil-konfront ta' zewgha l-konvenut. L-attrici haqqha ferm aktar empatija u rispett minn dak li uriha l-konvenut.

Kien jaghti ferm wisq importanza lin-nies u l-impjegati milli l-attrici u kien anke jipprova jirridikolaha. Iz-zwieg taghhom kien ikkaratterizzat minn hafna gideb da parti tal-konvenut. Ma kienx ighidilha x'kien qed jigri fin-negozju, ma kienx qed ighidliha li kellu d-dejn, imbaghad irrizultalha li kien hemm xi €400,000. Kien anke spicca b'hafna inkwiet mal-accountant tieghu Joseph Polidano, li kien sellfu l-flus u fil-fatt spiccaw il-Qorti.

Meta kien hemm zmien kienet issellfu l-flus, qatt ma hallasha lura u ghalhekk irrifjutat li tiffirmalu xi loans jew meta ried jidhol f'xi negozju iehor, tant li spiccaw ghamlu s-separazzjoni tal-beni. Kien hemm sinjali cara ukoll li kien jixtri prodotti bil-kuntrabandu u gieli kellu problemi mal-pulizija.

Kien anke jipprova jimpjega ruhu meta kien ifalli n-negozju, pero' ma tantx kien ikampa ghax dejjem kien isib problemi. Imbaghad iddecieda li jattendi Diploma kors mal-attrici u kien ippretenda li ghandha taghmillu l-assignments. Meta nduna li kienet ferm aktar diligenti minnu, kien jipprova jwaqqaghha tac-cajt quddiem l-ohrajn.

Kien persuna li kellu nuqqas ta' empatija lejn l-attrici. Qatt ma ha hsibha meta kienet ma tiflahx, specjalment b'daharha. Lanqas kien jakkumpanjaha ghand it-tabib. Kien impediha milli tarma ghall-Milied u spiccaw qatt ma ccelebraw din il-festa u lanqas qatt ma hargu ghall-Ewwel tas-Sena.

Il-fatt li kien hemm problemi minhabba l-impotenza tal-konvenut m'ghinx ir-relazzjoni. L-attrici accettat li tghix din ir-relazzjoni xorta wahda la darba zzewwget fit-tajjeb u l-hazin, izda mbaghad saret taf li l-konvenut minn dejjem kien jaf li ma setax ikollu t-tfal u li t-tabib kien issuggerilu li kien ahjar li jitlaq lill-attrici, izda kien qalilha biss wara li telqet mid-dar konjugali. Ipprova jmur maghha ghand l-endocrinologist biex jaraw il-problema ferm qabel dan, izda l-konvenut ma kienx segwa t-trattament kif suppost.

L-attrici bdiet thoss in-nuqqas ta' rispett, it-theddid jekk tipprova tiftah halqha biex tara x'kien qed jigri bin-negozju, peress li kien imorru l-kredituri jsabbtu fuq il-bieb, il-minacci kontinwi li se jispara f'halqu jekk titilqu kollha jwasslu lill-konvenut ikun responsabbli ghas-separazzjoni minhabba sevizzi, ingurji gravi u eccessi u mohqrija.

**<u>MANTENIMENT</u>**

L-artikolu 3 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi:-

***"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu hekk jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."***

Mill-provi jirrizulta li l-attrici tahdem bhala ghalliema u ghalhekk ghandha l-introju taghha.

Dwar il-konvenut illum jahdem mal-Kinetix u ghaldaqstant huwa self-sufficient. Ikkonferma fil-mori tal-kawza ukoll li ma kienx qed jippretendi manteniment minghand l-attrici.

**<u>DEKADENZA</u>**

In vista tal-fatt li l-Qorti waslet biex iddecidiet li z-zwieg tfarrak irrimedjabilment minhabba htija tal-konvenut u mhux minhabba adulterju jew abbandun, l-applikazzjoni taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili mhux applikabbli.

**<u>SEPARAZZJONI TAL-ASSI</u>**

Illi mhux ikkontestat li l-konjugi B,  tterminaw il-komunjoni taghhom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono datat 9 ta' April, 2009.

1. **<u>FOND MATRIMONJALI</u>**

Dik li kienet tirrapprezenta d-dar matrimonjali u cioe' l-fond 52, Luqa Road, Paola hija proprjeta' parafernali tal-attrici li nghatat bhala donazzjoni minghand nannitha u dan huwa fatt mhux ikkontestat. L-attrici telqet mill-fond meta marret tistudja Spanja u dan kien fl-2014. Il-konvenut baqa' jghix hemm sakemm imbaghad gie zgumbrat permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 16 ta' Frar, 2018. L-attrici kemm il-darba talbitu biex jitlaq, izda kien jinjoraha, anke sakemm damet l-isptar meta ghamlet zewg operazzjonijiet f'daharha. Fil-fatt, spiccat biex kriet post, anke peress li ma riditx tirranga mieghu u bezghat li jekk tmur lura jerga' jikkonvinciha biex jirrangaw.

Kif issottomettiet l-attrici huwa risaput fil-gurisprudenza nostrana ***"illi l-Qorti m'hijiex effettwata mit-titolu li l-partijiet kienu jew ghadhom jokkupaw il-fond, izda tqis biss li l-istess fond il-partijiet ghazluh bhala d-dar matrimonjali taghhom u bhala tali z-zewg partijiet ghandhom drittijiet fuqu irrispettivament mill-origini u/jew mit-titolu tal-fond. Dan m'huwiex fond bhal kull fond iehor, izda huwa d-dar taz-zwieg. It-tgawdija tal-fond tiddependi fuq it-tortijiet rispettivi tal-partijiet fit-tkissir taz-zwieg u mhux fuq it-titolu."***

Fil-gurisprudenza taghna, fosthom fil-kawza fl-ismijiet **Mary Grace Borg pro. et. noe. vs George Borg tat-23 ta' April, 2001** gie ritenut illi ***"f'talbiet simili f'kawzi ohra, kif irriteniet din il-Qorti, l-interess li jrid jigi salvagwardjat huwa mhux biss dak tal-minuri, minkejja illi l-interess tat-tali jibqa' dejjem suprem, izda ukoll tal-partijiet kollha nvoluti, partikolarment ta' dik il-parti illi tkun sejra tkun tigi zgumbrata mid-dar konjugali u b'daqstant tkun sejra ssib ruhha minghajr saqaf fuq rasha."***

Tenut ta' dan kollu u mill-provi migbura, l-attrici m'ghandhiex akkomodazzjoni alternattiva u anzi spiccat marret tikri sakemm il-konvenut baqa' jisfida, tant li kellha tirrikorri l-Qorti biex tordna l-izgumbrament tieghu. Mhux talli l-konvenut huwa totalment responsabbli ghas-separazzjoni, izda b'mod vendikattiv gab id-dar matrimonjali fi stat inabitabbli, li anke maqjel huwa ahjar minnu. Il-konvenut jinsisti li l-attrici qatt ma riedet taghmel xejn fil-fond u ghalhekk illum jinstab fl-istat li hu. Pero' jibqa' l-fatt li l-konvenut baqa' jghix fid-dar ghal diversi snin.

Ir-ritratti li esebit l-attrici mhumiex ikkontestati mill-konvenut li baqa' jghix hemm sa mis-sena 2014. Huwa fi stat ta' misthija u hmieg impressjonanti. Dan kollu gie kkorroborat mix-xhud QR imqabbad mill-attrici sabiex ibajjad il-fond. Dan stqarr li tant kien hemm hmieg u mbarazz li ma setax jara l-madum u kien biss wara erba' gimghat ta' tindif li seta' jarah.

L-attrici qed titlob ukoll li l-konvenut ghandu jhallasha lura tal-hsarat li halla fil-fond in kwistjoni. Ghal darb'ohra l-attrici ma resqet l-ebda prova sabiex turi kemm kien se jiswielha sabiex terga' ggib l-appartament fi stat abitabbli. Hemm ritratti li juru d-dizastru totali li kien hemm u ghalhekk considerando li l-post jrid jerga' jinzebagh, li jehtieg li jitnaddaf sew u hemm xoghol ta' manutenzjoni, din il-Qorti thoss li s-somma ta' €3,000 tiggustifika dawn l-ispejjes.

Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, flimkien mal-fatt li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi, ingurji gravi u minacci, ir-rikorrenti ghandha tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' zewgha u ghandha tithallas minghand il-konvenut is-somma ta' €3,000 biex tkopri l-ispejjes biex jissewwew il-hsarat.

**KREDITI**

Il-konvenut ma kienx dejjem konsistenti f' xogholu. Gieli kien self-employed u jidhol shab ma' terzi, izda dejjem kien jirrizulta li hemm xi problemi relatati mal-flus. Kien shab ma' certu LM u kien ghenu billi ha loan u ghamel garanzija mal-bank. Kien hemm terzi ohra u dejjem kien ighid lill-attrici li kellhom problemi ta' djun.

Il-konvenut wera ukoll inkonsistenza fix-xoghol tieghu, meta effettivament kien impjegat tal-anqas hames darbiet. Hafna drabi l-impjieg kien gie tterminat minhabba "redundancy," izda kien hemm drabi fejn il-konvenut kien jiehu wisq sick leave. Kien ghamel zmien ukoll jircievi l-beneficcji socjali. Dan juri li mhux persuna responsabbli u affidabbli.

In-negozju stess mhux dejjem kien irendi u sahansitra kellu problemi mal-kredituri u skond Simon Camilleri li xehed ghan-nom tal-Credit Info kien hemm diversi kawzi pendenti l-Qorti kontrih.

Dan kollu wassal biex kemm il-darba kien jitlob flus minghand l-attrici u hi tikkonferma li sellfitu Lm6,000 ekwivalenti ghal €15,000 u esebit diversi emails u dokumenti sabiex tipprova li huwa minnu. Fl-istess emails u anke meta xehed in subizzjoni, il-konvenut qatt ma nnega li kien hemm dan is-self, pero' kien qed jippretendi li peress li sar waqt li kien hemm in vigore l-komunjoni tal-akkwisti ghandu dritt li jhallas biss nofs is-somma.

Il-konvenut qed jikkontendi li hu kien ukoll ghen lill-attrici sabiex tkompli l-istudji taghha f'Spanja, pero' huwa inkonsistenti u kontradditorju fuq dak li jsostni. L-ewwel ighid li kien sellifha bejn €10,000 u €15,000, imbaghad semma'

bejn €15,000 u €20,000 u kien qed jippretendi hlas taghhom minghand l-attrici peress li dawn il-flus kien igibhom mill-introjtu tas-socjeta' Ahead.

L-attrici qed tippretendi li ghandha tithallas ukoll nofs is-sehem tal-hames proprjetatjiet li biegh il-konvenut, flimkien ma' cabin cruiser. Il-konvenut jinsisti li dina l-proprjeta' kienet parafernali ghalih. L-attrici ma gabet l-ebda prova tal-bjegh ta' dawn il-proprjetajiet u lanqas ma ppruvat il-valur taghhom, hlief tghid li kellha hafna oggetti personali fihom li marru mal-proprjetajiet bla ma avzaha.

Kien fi dmir l-attrici li tipprova dan li qed tallega. Minkejja li dina l-Qorti temmen lill-attrici, kien jispetta lilha sabiex tipproduci provi biex jikkonvincu lil dina l-Qorti li sar tali bejgh. Fin-nuqqas ta' provi fuq dawn il-proprjetajiet, il-Qorti ma tistax takkorda t-talba tal-attrici.

**KONTRO-TALBA**

Illi fil-kontro-talbiet tieghu, partikolarment ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' kontro-talba, il-konvenut ma gab ebda provi biex isahhah il-pretensjonijiet tieghu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi u ngurji gravi u minacci, konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabilment.

2. Tichad it-tieni talba in parte in kwantu jirrigwarda l-hlas ta' alimenti ghall-attrici ghar-ragunijiet suesposti, filwaqt li tiddikjara li bl-agir tieghu l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob manteniment minghand martu, filwaqt li tichad l-ewwel kontro-talba.

3. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' tielet talba stante l-ezitu tat-tieni talba, kif ukoll tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tieni kontro-talba.

4. Tilqa' r-raba' talba u llum peress li kien hemm ordni ta' zgumbrament fis-16 ta' Frar, 2018, il-konvenut illum jinsab barra mill-fond 52, Luqa Rd, Paola, filwaqt li tichad it-tielet kontro-talba.

5. Tilqa' l-hames talba u tordna li l-konvenut ihallas lura lill-attrici s-somma ta' €15,000, somma li sellfitu meta n-negozju ma kienx qed irendi u tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' €3,000 ghas-saldu tal-ispejjes mehtiega sabiex jithallsu l-ispejjes ghall-hsarat li kien hemm fil-fond 52, Luqa Rd, Paola.

6. Tilqa' s-sitt u s-seba' talba.

7. Tilqa' t-tmien talba u d-disa' kontro-talba u tordna li l-attrici tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe' "C."

8. Tichad id-disa' talba u l-ghaxar kontro-talba ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

9. Tichad ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' kontro-talbiet stante nuqqas ta' provi.

10. Tichad it-tmien kontro-talba ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

L-ispejjez ghandu jigu ssopportati mill-konvenut.

**Onor. Anthony Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**